MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. GRIMA EDWINA

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 1514/2001/1

***Maltacom p.l.c.***

***vs***

***Catherine Farrugia***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Novembru, 2001, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u tnax-il lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm312.92c), rappresentanti hlas dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 382218 u dana skond kif jirrizulta mid-dokument anness ma' l-avviz immarkat bhala Dokument A , liema servizz gie installat fil-fond Olympic Flats 1B, Triq l-Adrijatiku, The Village, San Giljan u dana skond kif jirrizulta mis-*service agreement* anness ma' l-avviz u mmarkat bhala Dokument B.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data ta' l-ittra uffijcali kontra l-konvenuta.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata skond il-ligi, baqghet ma dehritx u l-anqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' l-P.L. Noel Scerri ghan-nom tas-socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u tnax-il lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm312.92c), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**